# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 401/2015

**Il-Pulizija**

**(Spt. Priscilla Caruana)**

**vs**

**Anthony Grech**

**Justine Zammit**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, Anthony Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 231583M u Justine Zammit, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer bejn id-19 ta' Lulju, 2011 u id-9 ta' Awwissu, 2011, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe':

1. F'Birzebbugia nhar it-3 t'Awwissu, 2011 f'xi hin bejn is-14:00hrs u l-16:00hrs waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta' basket b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom arlogg tal-ghamla Rolex, zewg mobile phones wiehed tal-ghamla LG u l-iehor Motorola, zewg nuccalijiet tal-vista, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€10,000 u dan sar ghad-dannu ta' Sharlene Maronese u Giovanni Maronese u/jew persuni ohra;

2. Aktar talli gewwa Birzebbugia nhar l-1 t'Awwissu 2011 f'xi hin bejn il-11:45hrs u 12:30hrs waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta' zewg basktijiet b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom zewg mobile phones wiehed Nokia u l-iehor tal-ghamla Iphone, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 u dan sar ghad-dannu ta' Daniel Grixti u Diedra Brincat u/jew persuni ohra;

3. Aktar talli gewwa Marsaxlokk nhar id-9 t'Awwissu, 2011 f'xi hin bejn 15:45hrs u 16:30hrs waqt li kienu gewwa Ta' Kalanka limiti ta' Delimara, ikkommettew serq ta' basket b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal-ghamla Nokia, flus kontanti, nuccali tal-vista u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 u dan sar ghad-dannu ta' Frangiska Galea u/jew persuni ohra;

4. Aktar talli gewwa Birzebbugia nhar id-19 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn is-14:00hrs u it-15:00hrs waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta' basket b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom

mobile phone tal-ghamla Nokia C3, I Pod u oggetti ohra u dan sar ghad-dannu ta' Kathleen Bonnici u/jew persuni ohra;

5. Aktar talli f'dawn il-Gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkunu mdahhlin biex ibieghuhom jew imexxuhom liema reat jikkonsisti f'serq li huwa aggravat bil-valur;

6. Ukoll talli fid-9 ta' Awwissu 2011 f'dawn il-Gzejjer, naqsu milli jharsu xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. J. Apap Bologna LL.D fid-digriet tieghu li bih takhom il-helsien mill-arrest taht garanzija.

7. Ukoll talli kisru l-ordnijiet imposti fuqhom mill-Onorabbli Qorti b'sentenza emenata mill-Qorti li ghadha fi stadju operattiv datata 9 ta' Awwissu 2011 mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-appellati kif ukoll tarrestahom mill-gdid. Ukoll sabiex is-somma bhala garanzija personali fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti ppreseduta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D fid-digriet li gie moghti nhar is-27 ta' Lulju 2011, tghaddi favur il- Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artiklu 579 tal-Kap 9 u l-Artiklu 16(1) tal-att numru 16 tal-2006.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba sabiex titratta ma' l-appellati li huma recedivi ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali. Ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundannahom ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Lulju, 2015 li biha sabet lill-appellati hatja u qieghdithom taht ordni ta' *probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk jonqsu li jharsu [l-ordni] ta' dik il-Qorti jew jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin jistghu jkunu kkundannati ghar-reat li ghalihom qeghdin jigu maghmula [*recte:* ikunu misjuba hatja minn] din il-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 t' Awwissu, 2015, li permezz tieghu talab ir-**riforma** tas-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn sabet lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom u **tirrevokaha** u **thassarha** f'dik il-parti fejn poggiet lill-appellati taht ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta' Malta u minflok tinfliggi piena skond il-ligi u tikkundanna lill-hatjin ghall-hlas lir-Registratur tal-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew tal-periti f'dawn il-proceduri.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali interpona dan l-appell bil-gravami illi l-ewwel Qorti erogat piena, ossia sanzjoni billi qieghdet lill-appellati taht ordni ta' probation, meta mhux biss kienet prekluza milli taghmel dan talli kellha titratta mal-appellati tal-ksur tal-probation li bih kienu

imputati quddiem l-ewwel Qorti. Fit-tieni aggravju tieghu, l-Avukat Generali, jargumenta illi l-ewwel Qorti naqset ukoll milli tordna lill-appellati ihallsu l-ispejjez tal-esperti nominati fil-kawza;

2. Ezaminati l-atti processwali din il-Qorti tosserva illi minkejja li fis-sentenza appellata ma hemmx almenu linja wahda ta' konsiderazzjoni dwar is-sejbien ta' htija, anke jekk dan mhux mehtieg skond il-ligi ghaliex dak li hu rikjest huwa esposizzjoni tal-fatti, l-ewwel Qorti qaghdet, minflok, tinhela fuq elenku tal-persuni li xehedu quddiemha minghajr ma qalet almenu b'mod brevi ir-relevanza tad-deposizzjoni taghhom. Haga din ghall-ahhar inutili meta tqis illi l-hin tal-Qorti kien ikun ahjar utilizzat b'ragunijiet li jispjegaw ghaliex kienet qed tinsab htija. Din il-Qorti thoss illi hija fid-dover li tirrimarka dwar dan anke ghaliex temmen illi hemm htiega li f'kawzi ta' din il-portata id-decizzjoni tal-Qorti ghandha b'mod tassattiv tkun motivata b'konsiderazzjonijiet u mhux semplicement b'dikjarazzjoni bhal dik odjerna: "Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed issib lill-imputati hatja" meta motivi ma kienx hemm;

3. Ventilat dan, isegwi ezami tal-imputazzjonijiet u l-piena\i erogabbli. Kif evidenti fir-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet *supra*, l-appellati kienu akkuzati b'xejn anqas minn erba' serqiet, tlieta fi spazju ta' ftit jiem bejn l-1 u d-9 t'Awwissu u ohra ftit qabel, fid-19 ta' Lulju 2011. Tlieta mis-serqiet kienu kwalifikati bl-aggravju tal-valur, b'wahda minnhom in eccess ta' €10,000. Oltre dan, kienu ukoll akkuzati ta' ricettazzjoni u ta' dan ukoll instabu hatja minkejja li wisq probabbli dik l-imputazzjoni kienet wahda alternattiva ghal dik ta' serq fejn allura ma kellhomx jinsabu hatja, izda l-appellati ma nterponew ebda appell in rigward;

4. Is-serqa tad-9 ta' Awwissu, 2011 sehhet proprju wara nofsinahar **tal-istess jum** li fih kienu misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li fih kienu tqieghdu taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Kien ghalhekk illi l-

prosekuzzjoni akkuzathom ukoll illi kienu kisru dik l-istess ordni. Dawk is-serqiet sehhew ukoll waqt illi l-appellati kienu jinsabu taht helsien mill-arrest moghti ukoll minn Qorti ohra dwar proceduri pendenti;

5. Meta l-ewwel Qorti qeghedet lill-appellati taht ordni ta' probation setghet taghmel dan dwar l-imputazzjonijiet kollha hlief ghal dik numru 7, proprju dik rigwardanti ksur tal-ordni ta' probation imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 t'Awwissu, 2011. L-ewwel Qorti ghalhekk applikat rimedju li huwa espressament vjetat mil-ligi ghal dawk ic-cirkostanzi. *In primis* l-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, L-Att Dwar il-*Probation*, jipprovdi hekk:

> 23. (1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghal-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' *probation* jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti – (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunita', l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, tista' titratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' titratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;

(Il-kelma "tista" mhix fakoltattiva izda tfisser li l-Qorti "ghandha" titratta mal-hati – ara fost diversi sentenzi Il-Pulizija vs Andrew Buhagiar App Krim 16.6.1999 u Il-Pulizija vs Raymond Callus App Krim 10.12.2001,Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi App Krim 549/2010 – 14.9.2011; Il-Pulizija vs John Borg App Krim 427/2014 – 15.12.2016;);

6. Issa, is-subartikolu (2) tal-artikolu 23 jiprovdi illi meta persuna tkun trattata ghar-reat li dwaru tkun tqieghdet taht *probation* b'ordni ta' servizz fil-komunita, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun kondizzjonalment liberata, il-Qorti **ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22 (1)**. Ghal kwadru komplet, tajjeb li ssir referenza ukoll ghall-artikolu 2 tal-Kap 446 li jipprovdi li "sanzjoni komunitarja" tfisser ordni ta' *probation*, ordni ta' servizz fil-komunita; jew ordni ta' *probation* u servizz;

7. Meta l-ewwel Qorti erogat sanzjoni wahda ghall-imputazzjonijiet kollha, jista' jitqies ukoll bhala nuqqas tal-ewwel Qorti li titratta mal-hatja kif kienet obligata li taghmel skond id-dispost tal-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446;

8. Id-decizzjoni tal-ewwel Qorti li titratta mal-appellati billi terga tqieghdhom fuq Ordni ta' Probation ghalhekk hija valida biss kwantu l-imputazzjonijiet numru 1 sa 6. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti in rigward sia ghaliex dik id-decizzjoni kienet wahda permessa mil-ligi, kienet radikata mill-progress registrat mill-hatja, kif ukoll li tenut li l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-esekuzzjoni l-appellati gia skontaw sentejn mill-perjodu ta' tlett snin probation;

9. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti naqset milli tordna lill-appellati ihallsu l-ispejjez inkorsi fin-nomina ta' esperti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti ma tat ebda provvediment in rigward, anke meta hekk mitluba mill-Prosekuzzjoni ghad li ma kienx hemm htiega li ssir din it-talba la darba din hija konsegwenza tassattiva fit-termini ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti kienet innominat espert tekninu sabiex jestrapola il-kontenut ta' telefon cellulari u dan b'digriet tas-26 t'Awwissu, 2011. L-espert kienipprezenta r-relazzjoni tieghu Dok MB esebita a fol 152 ufficcjalment intaxxata fil-valur ta' €394.83 izda ma jidhirx li din il-

perizzja kienet ta' xi utilita' ghall-dawk il-proceduri. L-espert tekniku hareg minn fuq dan ic-cellulari, direttorju u elenku ta' messaggi, izda l-prosekuzzjoni ma jidhirx li rabtet din l-informazzjoni mal-kaz taghha u ghalhekk l-appellati m' ghandhomx ibghatu l-ispejjez ta' din il-perizja. It-tieni aggravju ghalhekk qed ikun michud;

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha f"dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellati dwar l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom; tikkonfermaha f'dik il-parti fejn qieghdet lill-appellati fuq Ordni ta' Probation ghal-perjodu ta' tlett snin biss kwantu din tolqot l-imputazzjonijiet 1 sa 6; thassarha f'dik il-parti fejn qieghdet lill-appellati fuq ordni tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin kwantu is-seba imputazzjoni u dwar dan tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex titratta mal-appellati dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation moghti b'sentenza ta' dik il-Qorti (per Magistrat Dr. A. Micallef Trigona) fid-9 t'Awissu 2011.